# Fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili

# Onor. Miriam Hayman

# Imhallef

**Rikors Numru. 1235/2019MH**

**Steven Delicata (K.I. 287767M)**

**David Agius(K.I.498149M) u**

**HollywoodCaterers Limited (C57867)**

**Vs**

**Kummisarju Tat-Taxxi**

**Illum 29 ta' Settembru, 2021.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors maħluf ta' Steven Delicata, David Agius u Hollywood Caterers Limited fejn prmettew illi:-

*1.Illi fl-10 ta' Jannar, 2019 gew ipprezentati mill-Kummissarju tat-Taxxi intimat, tlett ittri ufficjali li ghandhom bhala riferenza numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019*

*u li kopji taghhom qeghdin jigu hawn uniti u mmarkati bhala Dokumenti SDA 1, SDA 2 u SDA 3.*

*2.Illi tnejn mill-imsemmija Ittri Ufficjali gew indirizzati kontra r-rikorrenti atturi Steven Delicata u David Agius f'isimhom proprju u bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta Hollywood Caterers Limited [dawk bin-numri 94/2019 u 96/2019 rispettivament] u Ittra Ufficjali ohra giet indirizzata lis-socjeta Hollywood Caterers Limited [dik bin-numru 95/2019].*

*3.Illi l-imsemmija Ittri Ufficjali inhargu in forza ta' sub-artikolu 2 tal-Artikolu 59 tal-Att dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud – Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi li f'kaz li hlas mitlub mill-Kummissarju intimat skont l-Att dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ma jsirx fi zmien tlettin jum mid-data minn meta n-nota kontenenti t-talba ghall-hlas tkun giet notifikata lill-persuna li lilha jkun intalab il-hlas, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-sub-artikolu (1) tal-imsemmi Artikolu 59 wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna, ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju.*

*4.Skont l-atti gudizzjarji ossija l-ittri ufficjali pprezentati kontra r-rikorrenti atturi l-Kummissarju tat-Taxxi intimat qieghed jitlob lil kull wiehed mir-rikorrenti atturi l-hlas tas-somma ta' disgha u erbghin elf, mija u wiehed u sittin Ewro u hdax il-centezmi (€49,161.11) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxxijiet u li f'kaz li dan il-hlas ma jsirx l-istess Kummissarju ser jezegwixxi t-titolu ezekuttiv naxxenti mill-Avviz li allegatament ntbaghat lir-rikorrenti atturi.*

*5.Huwa mistenni li fi procedura tant serja u ta' portanta daqshekk ampja, tant li l-Kummissarju tat-Taxxi qieghed jiddikjara li sejjer jigbor il-hlas reklamat minnu bis-sahha ta' titolu ezekuttiv naxxenti minn Avviz li ntbaghat lir-rikorrenti atturi, li dan l-istess Avviz flimkien man-notifika relattiva li hija mehtiega skond l-istess disposizzjoni li in forza taghha ntbaghtu l-ittri ufficjali, jigi unit mal-Ittra Ufficjali.*

*6.Tali mankanza certament li tilledi d-dritt tal-persuna li kontra tieghu ser jigi invokat u esegwit t-titolu ezekuttiv li jkun mgharraf bic-cirkostanzi u l-elementi kollha li wasslu ghall-procedura ta' ezegwibilita'.*

*7.Ghalhekk qabel ma titolu ezekuttiv naxxenti minn Avviz li ma giex unit mal-att gudizzjarju li qieghed jintenta li jirrendi ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv, jista' validament u legittimament jigi rez ezegwibbli tinhtieg il-prova tal-Avviz u tan-notifika tieghu.*

*8.Hija ukoll cirkostanza ferm stramba u anomala li r-rikorrenti atturi gew servuti u notifikati b'atti gudizzjarji separati u distinti u mitluba kull wiehed il-hlas ta' disgha u erbghin elf, mija u wiehed u sittin Ewro u hdax il-centezmi (€49,161.11) meta l-ammont talvolta dovut huwa wiehed u huwa reklamabbli minghand ir-rikorrenti solidalment.*

*9.Fi kwalunkwe kaz u b'mod subordinat ghal dak premess, ir-rikorrenti atturi jikkontendu u jistghu jippruvaw li l-ammont reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi intimat huwa in eccess ta' dan li huwa rejalment dovut bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u allura ma huwiex legalment gustifikabbli li jigu mitluba jhallsu u soggetti ghall-ezekuzzjoni kwantu ammont li huwa aktar minn dak li huwa rejalment dovut, ghad illi tali cirkostanza u sitwazzjoni tikkostitwixxi arrikiment ingust li la huwa mixtieq u wisq aktar legalment permess.*

*Ghalhekk l-esponenti rikorrenti atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha:*

*(1) prevja dikjarazzjoni li l-mankanza da parti tal-Kummissarju tat-Taxxi intimat li jezebixxi mall-atti gudizjarji ossija l-ittri ufficjali li huwa pprezenta kontra r-rikorrenti atturi u li ghandhom bhala riferenza numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019, l-Avviz li huwa s-sors tat-titolu ezekuttiv li tieghu qieghed jitlob l-ezegwibilita permezz ta' istess ittri ufficjali, tilledi d-drittijiet tar-rikorrenti atturi, tordna it-thassir u r-revoka tal-atti gudizjarji u konsegwentment tal-effetti tal-istess atti gudizjarji kwantu l-ezegwibilita tat-titolu ezekuttiv mitluba permezz taghhom; u*

*(2) thassar u tirrevoka t-titolu ezekuttiv naxxenti mill-Avviz li ghalih il-Kummissarju tat-Taxxi intimat jaghmel riferenza fl-Ittri Ufficjali mahruga u notifikati lir-rikorrenti atturi li ghandhom bhala riferenza numri 94/2019,*

*95/2019 u 96/2019, billi l-ammont li tieghu allegatament intalab il-hlas skont l-istess Avviz u li ghalih issir riferenza fl-Ittri Ufficjali huwa in eccess ta' dan li huwa rejalment dovut bhala Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u allura ma huwiex legalment gustifikabbli li jigu mitlub il-hlas tieghu u l-esegwibilita tieghu.*

*Bl-ispejjez legali kontra l-Kummissarju tat-Taxxi intimat li minn issa jinsab ingunt ghas-subizzjoni.*

Rat id-digriet tagħha datat 31 ta' Diċembru, 2019.[1]

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni datata 13 ta' Frar, 2021[2]

*1. Illi b'mod preliminari u bid-dovut rispett, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammonti dovut lill-esponenti in kwantu tali ammonti huma dovuti bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu favur tieghu fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittri ufficjali in kwistjoni bin-numri 94/2019, 95/2019 u 96/2019 huma intizi biss li jirrendu ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;*

*2. Illi t-titolu ezekuttiv li ghandu favur tieghu l-esponenti jikkonsisti fl-avviz gia mibghut u notifikat lir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li l-ittri ufficjali imsemmija, kif gia inghad, huma ntizi biss sabiex jirrendu ezegwibbli tali titolu ezekuttiv;*

*3. Illi n-notifika tal-avvizi msemmija lir-rikorrenti se tigi ppruvata waqt is-smiegh tal-kawza;*

*4. Illi kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, m'huwiex mehtieg jew rikjest mill-ligi li l-avvizi msemmija, gia notifikati kif inghad, ikunu uniti, annessi jew mibghuta mal-ittri ufficjali in kwistjoni ad validitatem;*

[1] Folio 8
[2] Folio 21 Rikostruit.

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe kaz din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammonti pretizi humiex dovuti o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, li hu Tribunal specjalizzat kompost minn persuni teknici skont il-ligi, li ghandu l-poter sabiex jiddetermina jekk l-ammonti dovuti lill-esponenti humiex korretti u dan ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti segwa u agixxa skont id-dettami tal-ligi u cioe' l-procedura kkontemplata fil-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ottjena t-titoli ezekuttivi favur tieghu, kif se jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;*

*7. Illi ghalhekk, u kuntrarjament ghal dak minnhom allegat, ir-rikorrenti kienu f'posizzjoni u kellhom kull opportunita' li jikkontestaw a tempo vergine t-talba ghall-hlas mahruga fil-konfront taghhom ai termini tal-Kap. 406, pero' dan m'ghamluhx;*

*8. Illi ghalhekk, gia la darba r-rikorrenti kellhom l-opportunita' li jikkontestaw l-ammonti dovuti fit-termini moghtija fil-ligi pero' ghazlu li jibqghu siekta, ma jistghux jikkontestaw l-ammonti dovuti f'dan l-istadju meta l-esponenti ghandu f'idu titolu ezekuttiv rez ezegwibbli fil-konfront tar-rikorrenti;*

*9. Illi kwindi m'huwiex minnu li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti kif minnhom allegat;*

*10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz l-istess ammont in kwistjoni hu dovut kemm mis-socjeta' rikorrenti qua tax payer u kif ukoll mir-rikorrenti l-ohra personalment in kwantu solidalment responsabbli mas-socjeta' rikorrenti u dan ai termini tal-Artikolu 66 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, l-ammont indikat fl-ittri ufficjali in kwistjoni hu ammont wiehed dovut solidalment mir-rikorrenti lill-esponenti u kwindi m'hemm xejn anomalu jew bi ksur tal-ligi fil-fatt li nhargu tlett ittri ufficjali sabiex jirrendu ezegwibbli l-avvizi mahruga fil-konfront tar-rikorrenti, kif minnhom allegat;*

*11. Illi ghalhekk l-ammont dovut mir-rikorrenti lill-esponenti m'huwiex in eccess ta' dak rejalment dovut minnhom u ma tezisti l-ebda sitwazzjoni ta' arrikiment ingust, kif minnhom allegat;*

*12. Illi ghaldaqstant it-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.*

Rat lil partijiet ma resqu ebda provi pero għaddew mall-ewwel biex jitrattaw l-ewwel żewġ eċċeżżjonijiet in kwantu kif sew minnhom ritenut kienu ta' natura purament legali. **Għalhekk din hija sentenza preliminari limitata għal dawn iż-żewġ eċċeżżjonijiet.**

Semgħet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat.

Illi kif inhu ben miżmum hija it-talbiet naxxenti mill-att promotur li fil-fatt targina l-azzjoni u hija b'dan lil Qorti hija fil-fatt marbuta. Ħarsa lejn ir-rikors promotur ineżami huwa ċar li hawn dak li qed jiġi attakat huwa l-eżegwibilta' tat-titolu eżekuttiv. L-għan aħħari tat-talba hu fil-fatt ir-revoka u t-tħassir tat-titolu eżekuttiv ottenut mill-intimat n vista tal-fatt li ma ġiex presentat mall-ittra uffiċjalili l-avviż li jipreċedi l-istess ittra. Pero mhux biss, jidher ukoll li mit-tieni talba ir-rikorrenti jipprotestaw għal ammont mitlub in kwantu skonthom eċċessiv u anke fuq hekk jitolbu t-tħassir ta' l-atti li jwasslu għal ezegwibilta' tat-titolu: l-iitri uffiċjali.

Tqies li huwa opportun li wieħed iħares lejn il-kelma tal-liġi li tirregola l-vertenza in eżami; l-artikolu 59 tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta li fuqu tistrieħ it-talba ta' l-intimat għal ħlas tat-taxxi igħid li:-

*(1)Avviz mahrug mill-Kummissarju li juri ammont ta` taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna ghandu jkun xhieda bizzejjed, kemm-il darba ma tingiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u ghalhekk jikkostitwixxi titolu ezekuttiv fil-kuntest u ghall-finijiet*

*tat-Titolu VII tat- Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*(2) Il-Kummissarju jista` jitlob il-hlas ta` kull taxxa u penali amministrattiva li ghandha tithallas minn persuna skond dan l-Att bil-mezz ta` nota ta` talba ghall-hlas, u jekk il-hlas mitlub ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta` talba ghall-hlas tkun giet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista` jghaddi biex jigbor dak il-hlas bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi fissubartikolu (1) wara jumejn min-notifika lil dik il-persuna ta` talba ghall-hlas li ssir permezz ta` att gudizzjarju.*

*(3) Id-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 468 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandhom japplikaw dwar kull mandat mahrug bis-sahha tat-titolu ezekuttiv imsemmi f`dan l-artikolu u ghall-izbank ta' kull flus li jingabru mill-bejgh fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppozizzjoni jew rizerva fic-cedla ta` depozitu ma ghandha twaqqaf il-hlas ta` xi somma li tkun depozitata filqorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel."*

Huwa ċar mill-mod kif inhu redat ir-rikors promotur u l-eċċezzjonijiet mressaq mill-Kummissarju li ir-rikorrenti qegħdin fil-fatt jikkontestaw li huma rċevu l-avviz ai terminu ta' l-ewwel sub-artikolu ta' l-artikolu suriferut. Fil-fatt l-istess Kummissarju jikontendi li dawn l-avviżi nbagħtu u jżid fl-eċċezzjonijiet tiegħu li għandu jġib prova ta' hekk.

Tqies li l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-Kummissarju hija dik ta' l-inkompetenza ta' din il-Qorti li tissandika l-ammonti dovuti mir-rikorrenti skont stejjem u ammonti maħruga mill-intimat Kummissarju.

Kif ġia ngħad jekk wieħed iħares u jaqra ir-rikors promotur r-rikorrenti jattakaw t-titolu a bażi tal-fatt li ma rċevewx l-avviz u dan ai terminu ta' l-ewwel sub inċiż imsemmi, igħidu li dan l-avviż ma ġiex anness ma' l-ittri uffiċjali mibghuta, ukoll minħabba arrekiment inġust inkwantu l-istess ammont ġie mitlub lit-tlett rikorrenti bħalikieku l-Kummissarju se jiġbor għal tlett darbiet it-taxxa dovuta. Iżidu ukoll li l-ammont reklamat huwa eċċessiv ta' dak realment minnhom dovut bħala Taxxa tal-Valur miżjud. Skonthom u dan kif minnhom premess fil-paragrafu disgħa tar-rikors promotur jikkontendu li l-ammont mitlub huwa ngust u in eċċess ta' dak realment dovut. **Dan huwa rifless fit-tieni talba għat tħasir u revoka tat-titolu eżekuttiv.**

Ikkonsidrat

**L-ewwel eċċezzjoni hawn mressqa hija ta' inkompetenza *ratione materie.***

F'dan ir-rigward il-Qorti se tagħmel referenza għal deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph E.Sullivan et. vs Kummissraju tat-Taxxi** datat 29 ta' April, 2021[3]. Tiċċita fit-tul mill-istess:-

*"**L-Eċċezzjoni ta' l-Inkompetenza Rationae Materiae**.*

*Bid-disa' eċċezzjoni l-Kummissarju tat-Taxxi jisħaq li din il-Qorti m'hix il-forum kompetenti stante li dak li qegħdin jikkontestaw l-atturi huwa l-ammont ta' taxxa dovuta u l-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. Il-Kummissarju tat-Taxxi jgħid li hija l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva kif speċifikat fl-**Artikolu 44 u 45 tal-Kapitolu 406** li jagħti l-kompetenza lill imsemmi Tribunal sabiex jisma' proċeduri ta' kontestazzjoni t'ammonti u penali amministrattivi.*

*Sabiex tikkonsidra jekk l-eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi hiex fondata jeħtieġ li teżamina x'qiegħed jingħad fil-11-il premessa fir-Rikors Ġuramentat kif ukoll x'qiegħed jintalab mill-atturi. Il-11-il premessa taqra hekk:*

*"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, t-talba ghall-hlas tas-somma ta' miljun, erbgha mija u tmienja u sittin elf u tmenin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€1,468,080.21) kif dedotta mil-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jirrizulta matul il-mori ta' dawn il-proceduri;"*

*It-talbiet atturi huma s-segwenti:*

[3] Rikors 1168/2019RGM

*"1. Tiddikjara illi l-pretensjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi kif premessi flittra ufficjali numru 2960/19 ma gietx debitatament notifikata lill-esponenti ai termini tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-ittra ufficjali numru 2960/19 ma jilhaqx il-vot ta' lArtiklu 59 tal-Kap 406 inkwantu r-rikorrenti ma giex notifikat bl-avviz skont illigi;*

3. *Tiddikjara li jezistu l-estremi ghall-opposizzjoni tal-ufficjali numru 2960/19 u t-titolu ezekuttiv li allegatament qed jigi rez ezegwibbli permezz ta' l-istess kif fuq inghad u ghal kwalsiasi raguni ohra li tista' tirrizulta fil-mori tar-rikors;*

4. *Tiddikjara illi kwalunkwe ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv premess millKummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali 2960/19 huwa ghalhekk wiehed null u minghajr effett;*

5. *Thassar u tirrevoka, fil-konfront tal-esponenti, l-effetti kollha tal-ittra ufficjali premessa."*

*Huwa minnu li l-premessa numru ħdax tal-atturi tagħti x'tifhem li hemm il-kontestazzjoni tas-somma reklamata mill-Kummissarju tat-Taxxi però fl-ebda waħda mit-talbiet mhu qiegħed jintalab reviżjoni ta' dak pretiż mill-intimat. Fil-fehma tal-Qorti, it-talbiet attriċi kollha jindirizzaw l-allegat nuqqas ta' notifika tad-dokumenti u stejjem li juru l-ammont ta' taxxa dovuta li jippreċedu l-ittra uffiċċjali u konsegwentement qiegħed jiġi allegat li t-titolu eżekuttiv pretiż mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi bis-saħħa tal-ittra uffiċċjali huwa wieħed null. Fi kliem ieħor l-atturi qegħdin jattakkaw is-siwi ta' titolu eżekuttiv pretiż.*

*F'dan l-istadju din il-Qorti m'hix sejra tidħol fil-kwistjoni dwar jekk s-soċjetà Aquatess Limited u r-rappreżentanti tagħha ġewx notifikati bl-atti*

*meħtieġa għaliex dak m'huwiex il-mertu ta' din is-*sentenza. Din is-sentenza *tirrigwarda biss il-vertenza dwar jekk din il-Qorti għandhiex ġurisdizzjoni in materja sabiex tisma' l-kawża odjerna u għalhekk għal kull bon fini jingħad li b'din is-*sentenza *l-Qorti m'hijiex qiegħda tiddeċiedi l-*mertu.

*Ikkunsidrat;*

***Il-Kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrativa**.*

*L-***Artikolu 45 tal-Kapitolu 406** *jagħti l-kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva sabiex jisma' u jaqta' appelli u referenzi li jsiru skont l-Artikoli 43 u 44. L-***Artikolu 43** *tal-Kapitolu 406 jipprovdi li "Kull persuna li tħoss ruħha aggravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal." Oltre kontestazzjonijiet ta' stejjem imsemmija fl-Artikolu 43, l-***Artikolu 44** *jiddetta l-materji oħra li fuqhom jistgħu jitressqu appelli quddiem it-Tribunal, ċioe:-*

*"a) ir-reġistrazzjoni ta' persuna taħt dan l-Att jew it-tħassir ta' dik irreġistrazzjoni;*

*(b) kull taxxa li għandha titħallas fuq provvista jew akkwist ħlief għal taxxa stmata fi stima u kull tnaqqis li jista' jintalab lura kontra dik it-taxxa;*

*(ċ) jekk operazzjoni li ssir jew kellha ssir minn persuna tkunx provvista taxxabbli jew akkwist taxxabbli jew le jew jekk importazzjoni ta' oġġetti magħmula jew li jkollha tintgħamel minn persuna tkunx importazzjoni taxxabbli jew le;(d) kull taxxa li għandha titħallas fuq l-importazzjoni ta'oġġetti;*

*(e) il-lok, il-ħin u l-valur taxxabbli ta' provvista jew akkwist taxxabbli;*

*(f) l-ammont ta' tnaqqis permess lil persuna reġistrata taħt l-artikolu 10 għal xi żmien ta' taxxa;*

(g) *kull garanzija meħtieġa mill-Kummissarju taħt dan l-Att;*

(h) *jekk xi ħlas lura ta' taxxa mitlub minn xi persuna jkunx dovut jew għandux jitħallas lil dik il-persuna jew le;*

(i) *kull punt ta' liġi li m'huwiex inkluż fid-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu;*

(j) *kull ħaġa li, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ta' kull regolament li jsir bis-saħħa ta' dan l-Att, tista' tinġieb fl-appell;*

(k) *l-impożizzjoni ta' kull penali amministrattiva, ħlief meta imposta bħala riżultat ta' stima".*

***Huwa evidenti minn dawn il-provvedimenti li tilwimiet bejn il-Kummissarju tat-Taxxi u persuna taxxabbli, li ma jaqgħux fil-parametri tal-Artikoli 43 u 44, ma jaqgħux fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.***

*Diversi kienu dawk is-sentenzi li ingħataw mit-Tribunal stess u mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) dwar il-limiti ta' kompetenza li għandu l-imsemmi Tribunal.*

*Fil-kawża **XXX vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** (Rik Nru 274/2012 VG) deċiża fl-24 t'April 2017 mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jingħad kif ġej:*

*"Ma hemmx dubju li una volta li l-Avviz mahrug mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tat-taxpayer jsir titolu ezekuttiv, il-quantum ta' dak l-Avviz difficilment ikun jista jigi kontestat. Lanqas ma hemm dubju li una volta li tinhareg ittra ufficjali ghall-esekuzzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv, il-persuna interpellata ghall-hlas ikollha tidderigi kwalunkwe kontestazzjoni li*

*ghandha fir-rigward ta' dik l-esekuzzjoni quddiem il-Qorti komptetenti u mhux quddiem dan it-Tribunal."*[4]

*Konsiderazzjoni aktar dettaljata magħmula mit-Tribunal f'dan ir-rigward – liema konsiderazzjoni saret fi kwistjoni identika għal dik odjerna fejn il-Kummissarju kien eċċepixxu n-nuqqas ta' kompetenza tat-Tribunal - saret fis-sentenza* ***M.C.M Aluminium Ltd et vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)*** *(Rik Nru 90/2013VG) deċiża fit-8 t'Ottubru 2013 mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva:*

*"Una volta li bl-ittra ufficjali imsemmija, f'dan il-kaz jigi ribadit l-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012, id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) qed jirrendi esegwibbli titolu ezekuttiv li huwa ghandu fil-konfront tat-tax payer u ir-rapprezentant tieghu dan it-Tribunal ma jibqax iktar kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-tilwimiet li jistghu jirrizultaw bejn it-tax payer u r-rapprezentant tieghu interpellati u d-Direttur Generali ghaliex tali kwistjonijiet ma jaqghux entro l-parametri la ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas ta' l-Artikolu 44 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Indipendentement minn dawk li jistghu jkunu r-ragunijiet in bazi ghal liema t-tax payer u/jew ir-rapprezentant tieghu ikun qed jikkontesta l-pretensjoni u konsegwenti interpellazzjoni ghall-hlas tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u konsegwenti esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv,* ***huwa evidenti li t-talba ghall-hlas li ssir mid-Direttur Generali ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta hija distinta minn stima mahruga mill-istess Direttur Generali ai termini ta' l-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud****.*

[4] Ara wkoll **XXX vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud** (Rik Nru 102/2012 VG) deċiża fit-8 ta' Novembru 2016 mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva.

*B'hekk ladarba tali talba ghall-hlas hija distinta minn stima li minnha jista' jigi intavolat appell ai termini ta' l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jsegwi li l-imsemmi Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax fil-kuntest ta' tali talba ghall-hlas u ghalhekk ma jistax isir appell minnha quddiem dan it-Tribunal.*[5]

*Il-kontestazzjoni ghall-interprellazzjoni maghmula mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) ai termini ta' l-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta lanqas ma tista' titqies li taqa' taht wahda jew iktar mic-cirkostanzi kontemplati fl-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dwar liema tista' ssir referenza quddiem dan it-Tribunal.* ***Jigi ribadit li l-procedura kontemplata fl-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, u senjatament fis-subartikolu (2), hija intiza biex titolu ezekuttiv jigi rez esegwibbli u allura kull kontestazzjoni ta' dak it-titolu ezekuttiv u/jew ta' l-esegwibilità ta' l-istess necessarjament trid tigi diretta quddiem il-Qorti taht l-Awtorità ta' liema qed tintalab dik l-esekuzzjoni****. Konferma ulterjuri li l-kontestazzjoni tat-titolu ezekuttiv vantat mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fil-konfront tat-tax payer u r-rapprezentant tieghu u/jew ta' l-esegwibilità ta' l-istess in bazi ghall-Artikolu 59 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ma taqax taht il-kompetenza ta' dan it-Tribunal tirrizulta minn dak dispost fl-Artikolu 7 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-Artikolu 58(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.*[6]

*L-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt.*

[5] 4 Enfasi ta' din il-Qorti.
[6] 5 *ibid.*

*It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeciedi tilwimiet li jigu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv iehor li jkun digà qieghed jiehu konjizzjoni ta' dik it-tilwima . L-Artikolu 58(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li tista' ssir kawza ghal kull taxxa u ghall-penali amministrattiva taht dan l-Att sabiex dawn jingabru, skont ma jehtieg il-kaz fil-qorti kompetenti ta' kompetenza civili .*

*Minn din l-ahhar disposizzjoni jirrizulta ferm car li l-Legislatur ried li kwistjonijiet dwar il-gbir ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti skond l-Att li ma jinvolvux il-kontestazzjoni ta' stima mahruga mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) skond l-Artikolu 43 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jew referenza skond l-Artikolu 44 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jaqghu taht il-kompetenza tal-qorti kompetenti ta' kompetenza civili. B'hekk ladarba ai termini tal-Ligi stess hemm Qorti ohra li ghandha s-setgha li tiehu konjizzjoni, u fil-kaz in ezami bil-hrug ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Novembru 2012 già qed tiehu konjizzjoni, tat-tilwima bejn id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u t-tax payer u r-rapprezentant tieghu, japplika dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ma jistax jiehu konjizzjoni tal-kwistjoni in kwantu ma taqax fil-kompetenza tieghu."*

*It-Tribunal kompla jikkonsidra illi*

*"Il-fatt li fil-kaz in ezami r-Rikorrenti jikkontendu li huma qatt ma gew notifikati bl-Avviz mahrug mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) fit-2 ta' Awwissu 2011 u b'hekk jikkontestaw l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv vantat mid-Direttur Generali fil-konfront taghhom, ma jbiddel assolutament xejn mill-kwistjoni. Ladarba d-Direttur Generali (Taxxa fuq*

*il-Valur Mizjud) jikkontendi li ghandu titolu ezekuttiv u qed jadixxi lill-Qorti kompetenti ta' kompetenza civili, fil-kaz in ezami l-Prim' Awla tal-Qorti Civili, biex jesegwixxi tali titolu fil-konfront tar-Rikorrenti, a tenur ta' dak provdut fl-imsemmi Artikolu 7 talKap.490 tal-Ligijiet ta' Malta hija dik il-Qorti li hija kompetenti biex tiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet relattivi ghal dak it-titolu, inkluzi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-ezistenza ta' l-istess titolu."*[7]

*Minn din is-sentenza sar appell u l-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza minnha mogħtija fis-27 t'April 2016 ikkonfermat is-sentenza tal-prim' istanza wara li rriteniet li:-*

*"Materja dwar jekk jezistix jew le titolu ezekuttiv ma tidhirx li taqa' fil-kompetenza tat-Tribunal. Din il-kwistjoni m'ghandha x'taqsam xejn ma' appell kontra stima (Artikolu 43)."*

*Dan huwa konformi ma' dak li ingħad mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fissentenza* ***Ian Pace et vs. Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud*** *(Ċit Nru 78/2011 MCH) mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2013 fejn ġie deċiż li proċeduri fuq stejjem ma jaqgħux fil-kompetenza tal-Prim'Awla:*

*"Jibda biex jinghad illi kull talba maghmula mir-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiddikjara li r-returns tal-VAT maghmula mis-socjeta rikorrenti kienu korretti u kwindi tiddikjara li l-ammont pretiz mill-intimat mhux dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti u lanqas ghandha gurisdizzjoni tikkonsidrahom ghax hemm il-proceduri appoziti skond il-Kapitolu 406 biex dan isir fis-sede u bil-proceduri opportuni."*

---

[7] Ara wkoll **Aluminium Extrusions Ltd et vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** (Rik Nru 86/2013) deċiża Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-8 t'Ottubru 2013 u kkonfermata millQorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-27 t'April 2016; **Alu-Finish et vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) (Rik Nru 85/2013)** deċiża Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-8 t'Ottubru 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-27 t'April 2016**; Anthony Mario Vella vs. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)** (Rik Nru 98/2013) deċiża Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fit-8 t'Ottubru 2013.

*In-natura ta' kawża hija ċirkoskritta primarjament mit-talbiet attriċi u mhux mill-eċċezzjonijiet sollevati għal dawk it-talbiet attriċi. Kif ġie deċiz fis-sentenza* **Gaetano Farrugia et vs. Philip Magri et** *(App Ċiv 579/2002 PS) mogħtija millQorti tal-Appell (sede Inferjuri) fil-11 ta' Frar 2004: "Biex tigi ffissata l-indoli tal-azzjoi li tigi azzjoni ezercitata wiehed irid ihares mhux tant lejn il-kliem imma lejn dak li sostanzjalment ikun gie mitlub fic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Fi kliem iehor r-raguni guridika u l-'fundamentu agendi' tal-azzjoni hu dak li hu 'attulament domandato' bhala oggett tac-citazzjoni."*

*Li permezz tal-azzjoni odjerna ma hux qed jigi kkontestat il-quantum reklamat mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi iżda l-validita' tat-titolu eżekuttiv minnu vantat huwa ribadit mir-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.*

*Jingħad hekk f'dik in-nota:*

*"Illi fit-tielet lok erronjament il-Kummissarju intimat jibbaza l-argument tieghu fuq il-fatt li skontu ir-rikorrenti jikkontesta l-quantum. Izda jekk din l-Onorabbli Qorti thares lejn il-premessi promossi fir-rikors promotur tinnota illi l-kontestazzjoni hija fir-rigward tal-validita tal-ezekuzzjoni tal-ammonti. Minn dak hawn fuq sottomess jidher bic-car illi l-premessi bl-ebda mod ma jolqtu l-quantum izda jinpingu direttament fuq l-ezegwibilita' tattitolu."*

*Ġaladarba fil-kawża odjerna t-talbiet attriċi jirrigwardjaw biss l-eżegwibilita o meno tat-titolu vantat mill-intimat Kummissarju, hija din il-Qorti, kif spjegat aktar 'l fuq, li għandha l-kompetenza li tiddeċiedi l-mertu tal-kawża odjerna u mhux it-Tribunal.*

*Għaldaqstant tiddikjara illi għandha l-kompetenza rationae materia li titratta u tiddeċiedi kawżi li jikkontestaw il-validita' ta' titolu eżekuttiv*

*vantat mill-Kummissarju tat-Taxxi. Konsegwentement id-disa' eċċezzjoni sollevata millintimat Kummissarju tat-Taxxi ma hiex fondata u qed tiġi respinta.*

***Decide***

1. *Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi d-disa' eċċezzjoni sollevata mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi billi tiċħadha."*

Magħmula din ir-referenza ġurisprudenzjali il-Qorti tagħraf ċertu assomiljanza bejn dak hemm ċitat u r-rikors odjern in eżami. Ndubjament ir-rikorrenti jikkontestaw kif ingħad l-ammonti dovuti minnhom pero in parte fejn jattakaw l-eżegwibilta' tat-titolu eżekuttiv vantat mill-Kummissarju tat-Taxxi minħabba ir-responsabilta' *in solidum*. Tqies li fejn it-talbiet li jorbtu din il-vertenza huma immirati lejn l-eżegwibilta' tat-titolu eżekuttiv, bl-attakk ta' l-ittra uffiċjali minħabba l-proċedura segwita, din il-vertenza hija ta' kompetenza tal-Qrati Ċivili. Illi pero għalkemm il-Qorti tqies li għandha kompetenza *ratione materie* tisma din il-vertenza **tagħmilha ċara** u dan ukoll in linea mal-ġurisprudenza ċitata, **illi ebda kontestazzjoni tal-*quantum* per se ma jista jaqa taħt il-kompetenza tagħha.**

Jiġi puntwalizżat ukoll illi d-deċiżjonijiet ċitati mir-rikorrenti fit-trattazjoni juru biss kif għandhom jinbdew il-proċeduri biex jiġi attakkat l-eżegwibilta' tat-titolu eżekuttiv ġia ottenut mill-Kummissarju intimat. L-ebda ġudiżżju minnhom ċitati ma jagħti lok jew spunt li dawn il-proċeduri odjerni jistaw jservu xi rivisita tal-flejjes dovuti. Hawn il-Kummissarju għandu ragun. Din mhux kompetenza ta' din il-Qorti u f'dan ir-rigward tagħmel ukoll ampja referenza għad-deċiżjonijiet ġia ċitati fit-trattazzjoni ta' l-istess Kummissarju. **Għaldaqstant isib illi sa fejn ir-rikors jattakka l-ezegwibilta' tat-titolu eżekuttiv ai termini tal-kap 406, senjatament il-proċedura seġwita, din il-Qorti għandha l-kompetenza teżamina l-vertenza, pero in kwantu qed tiġi mistiedna teżamina l-ammonti dovuti din tmur oltre l-kompetenza tagħha u hawn terġa tirreferii għal proċedura maħsuba għalhekk ai terminu tal-kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Nuqqas ta' Avviz**

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi jilqa għat-talbiet attriċi, u hawn sa fejn allura qed tiġi attakata l-ittra uffiċjali u n-nuqqas ta' avviż anness magħha, billi jispjega ġustament illi t-titolu eżekuttiv huwa naxxenti mill-avviż mibgħut u notifikat lir-rikorrenti ai termini ta' l-artikolu 59 ġia ċitat, mentri l-ittra uffiċċjali hija ntiża tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv. Hawn il-Kummissarju għandu ragun u dan joħrog ċar minn qari sempliċi tal-liġi. Tagħmel hi ukoll referenza għal sentenza ġia msemmija f'din id-deċizzjoni u riferuta ukoll mill-Kummissarju fit-trattazzjoni tiegħu fl-ismijiet **Ian Pace et. vs Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**[8] fejn *inter alia* itqal li **;-**

*"Il-pass sussegwenti hu l-avviz ghal hlas li jikkostitwixxi ttitolu ezekuttiv u fin-nuqqas ta' hlas fiz-zmien moghti mill-ligi ta' tletin jum il-fakulta tal-hrug tal-mandati opportuni bhala ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Din it-talba ghal hlas skond l-artikolu 59 tal-Kap. 406 tista ssir permezz ta' notifika tal-avviz ghal hlas, u jekk ma jsirx il-hlas fi zmien 30 jum, allura d-dipartiment jista' jipprosegwi bil-hrug ta' mandati wara jumejn minn notifika ta' ittra ufficjali. Il-Qorti tqis li l-ittra ufficjali ma jikkostitwux it-titolu ezekuttiv.* ***It-titolu ezekuttiv hu n-notifika tat-talba ghal hlas ta' assessment li sar finali u n-nuqqas tat-taxpayer li jutilizza r-rimedji u proceduri kollha ta' appell minn tali assessment jew alternattivament il-konkluzjoni finali tal-proceduri talappell amministrattiv wara l-hrug ta' assessment fuq imsemmija skond il-ligi."***[9]

Għalhekk l-insistenza li l-ittra uffiċjali hija monka għax magħha ma kelliex anness l-avviż huwa ragunament li ma jsibx sodisfazzjon ex lege.

**Konsegwentement qegħda tilqa l-ewwel eċċezzjoni biss sa fejn tirrigwarda t-tieni talba attriċi n kwantu l-qorti m'għandiex il-kompetenza li teżamina jew tħassar l-ittra uffiċjali jew xi att hekk relatat minħabba nuqqas ta' qbil ma ħlas dovut lil Kummissarju tat-Taxxi.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawza biss fil-konfront ta' l-ewwel talba biss fir-rigward ta' l-avviz u ittra uffiċjali n kwistjoni**.

[8] 25/06/2013 Ċit. Nru. 78/2011
[9] Emfasi ta' din il-Qorti.

**Tilqa fit-totalita’ tagħha t-tieni eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar is-siwi ta’ l-avviż u l-iitra uffiċjali.**

**Onor. Miriam Hayman**

**Imhallef**

**Victor Deguara**

**Dep Reg**